L-awtur Charles Casha jiltaqa' mal-pubbliku, jaqra xi stejjer minn tiegħu stess, u jiffirma xi kotba. **– Activity Area Sala La Vallette**

### 12:00 KOTBA ĠODDA GĦAT-TFAL – MERLIN PUBLISHERS

Attività għat-tfal. Etajiet 5-9 (fuq l-istand tal-Merlin Publishers). Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand tal-Merlin Publishers**

### 12:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB – PUBBLIKATURI TALJANI

Ippreżentati l-kotba *L'arte di Marcel Mule* u *Le patron du saxofone* ta' Vincenzo Morello. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

### 12:30 JITNIEDA LEĦEN IL-MALTI GĦADD 37 – GĦAQDA TAL-MALTI

L-Għaqda tal-Malti – Università tniedi s-37 edizzjoni ta' *Leħen il-Malti*, li fiha diversi kitbiet letterarji, lingwistiċi, kif ukoll storiċi. Se jiġu wkoll diskussi xi kitbiet ta' din l-edizzjoni mill-kontributuri stess f'intervisti animati. **– Activity Area Sala La Vallette**

### 15:00 IL-KOTBA JIEĦDU L-ĦAJJA – DANUSAN

Għall-ewwel darba, waqt il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb, ser tkun qed issir rappreżentazzjoni ta' 'Il-Kotba jieħdu l-ħajja' fejn aħna, id-Danusan, flimkien

ma' oħrajn ser inkunu qed nieħdu sehem waqt play li fiha se jintwera l-importanza tal-qari, ovvjament bil-mod tagħna. Tistgħu tixtru l-biljetti minn www.showshappening.com. – **Republic Hall**

## 16:00 NILTAQGĦU MA' JENNIFER SPAGNOL – FARAXA PUBLISHING

Jennifer Spagnol se tkun fuq l-istand biex tiffirma kopji tal-pubblikazzjonijiet tagħha għat-tfal – *L-Arloġġ tal-Passat, L-Arloġġ tal-Futur, Pittura Maġika, Avventura Fi Żmien il-Milied, Pittura Maġika 2, Erba' Frottiet* u *Love Never Dies*. — **Stand tal-Faraxa Publishing**

## 16:00 IL-ĦANUT TAL-ĦELU – MERLIN PUBLISHERS

Attività mmexxija minn Clare Azzopardi u Matt Stroud. Etajiet 5-8 (fuq l-istand tal-Merlin Publishers). Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. — **Stand tal-Merlin Publishers**

## 16:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB – PUBBLIKATURI TALJANI

Ippreżentat il-ktieb *Malta vista da un siciliano* ta' Silvio Aliffi. — **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

## 16:45 KOTBA ĠODDA GĦAT-TFAL – MERLIN PUBLISHERS

Attività għat-tfal. Etajiet 5-9 (fuq l-istand tal-Merlin Publishers). Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. — **Stand tal-Merlin Publishers**

## 17:00 IFFIRMAR TA' KOTBA MILL-KITE GROUP

*Parallel Existences*, *The Notarial Archives* u *A Photographer Inspiration* ta' Joan Abela u Emanuel Buttigieg (ed.) (b'Alex Attard fotografu/artist), *Chambers of Memory* ta' Richard England, *Żelqiet Sportivi u Ċajt ieħor* ta' Mario Pisani (b'Mark Schembri illustratur), u *Ġustizzja bi Tbissima* ta' Tonio Borg (b'Mark Schembri illustratur). — **Stand tal-Kite Group**

## 17:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB – PUBBLIKATURI TALJANI

Ippreżentat il-ktieb *Filivespiri* ta' Santi Terranova. — **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

## 17:45 IS-SĦAĦAR TA' PETUT – MERLIN PUBLISHERS

Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 8+ (fuq l-istand tal-Merlin Publishers). Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. — **Stand tal-Merlin Publishers**



IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2018 | IL-ĦADD

## 18:00 X'NAMBUHOM LILL-AWTURI?

Mark Vella jmexxi diskussjoni ma' Wayne Flask, Alex Vella Gera, Arnold Cassola u Emanuel Psaila dwar l-istorja tal-letteratura Maltija f'rabta mar-relevanza politika ta' xi awturi, u anki kif din inbidlet tul iż-żmien. **– Activity Area Sala La Vallette**

## 18:45 ILTAQA' MAL-AWTUR – MERLIN PUBLISHERS

Iltaqa' mal-awturi John A. Bonello, Carmel G. Cauchi u Audrey Friggieri. Etajiet 8-13 (fuq l-istand tal-Merlin Publishers). Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati.— **Stand tal-Merlin Publishers**

## 19:15 IL-KNK U L-HORIZONS JIPPREŻENTAW LIL LOU DROFENIK

Il-ġurnalista Ramona Depares tintervista lir-rumanziera Maltija-Awstraljana Lou Drofenik, li s-sena l-oħra rebħet il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb bir-rumanz *The Confectioner's Daughter*. Drofenik titkellem dwar il-kotba ġodda tagħha, fosthom *Love at the Time of the Inquisition*, li jinsab fost il-finalisti għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2018, u *The Reluctant Healer.* **– Activity Area Sala La Vallette**

# ESEBITURI

## AGENDA BOOKSHOP (MILLER)

Agenda Bookshop huwa wieħed mill-aktar bejjiegħa importanti tal-kotba u l-fuljetti f'Malta. L-imħażen tal-Agenda jinsabu f'postijiet ċentrali u ewlenin f'Malta, fosthom l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Kampus tal-Università ta' Malta, u stabbilmenti ewlenin tax-xiri. Għand Agenda Bookshop issib l-aqwa u l-aħħar kotba li kienu suċċess madwar id-dinja, kif ukoll għażla wiesgħa ta' titli ġodda kuljum. L-għażla ta' kotba għand Agenda tħabbatha sew ma' bejjiegħa oħra ta' kalibru fir-Renju Unit.

Miller House, Airport Way, Tarxien Road, Luqa. LQA 1814 Malta – Europe
E: laurence.xuereb@millermalta.com | T: +356 23 66 72 69
www.millermalta.com

---

## AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Il-Komunità Aħmadija Musulmana hija organizzazzjoni umanitarja u reliġjuża internazzjonali b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Tinkoraġġixxi d-djalogu bejn reliġjonijiet differenti u temmen fil-libertà tar-reliġjon. Hija tħaddan il-prinċipji tal-paċi, tat-tolleranza, tal-imħabba u tar-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Il-motto tagħha huwa: "Imħabba Għal Kulħadd, Mibegħda Għal Ħadd." Il-Komunità Aħmadija hi magħrufa wkoll għas-sehem attiv tagħha fl-għajnuna soċjali u li tgħin lil dawk li huma fil-bżonn, u tinvolvi ruħha f'ħidma ta' karità u filantropika.

P.O. Box 78, Pieta, PTA1000, Malta
T: +356 2734 2401 | M: +356 7932 0139 | E: amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyya.org.mt

---

## AMBAXXATA FRANĊIŻA

L-Ambaxxata Franċiża ta' Malta se tkun qed tilqa' lil Les éditions Phebus u Les éditions du Chameau. Fl-istand tal-Ambaxxata Franċiża l-pubbliku se jkun jista' jakkwista kotba bil-Franċiż mingħand dawn iż-żewġ pubblikaturi, kif ukoll traduzzjonijiet oħra bil-Malti ta' kotba oriġinarjament bil-Franċiż.

Ambaxxata Franċiża, 130 Melita Street, Valletta VLT 1123
T: +356 2248 0600
www.ambafrance-mt.org





## AVC PUBLISHERS

Il-kumpanija ilha topera bħala importatur u distributur tal-kotba mill-1971, u tkopri s-suq Malti bis-saħħa ta' ħwienet tal-kotba u tad-distribuzzjoni, u tkopri wkoll is-suq Libjan. Audio Visual Centre huwa l-fornitur ewlieni f'Malta ta' prodotti għall-edukazzjoni. Il-portafoll tal-prodotti tagħna jinkludi kotba, apparat awdjoviżwali, soluzzjonijiet għal software interattivi u għamara ta' kwalità għal skejjel, akkademji, kulleġġi u universitajiet.

Merlin Library, Mountbatten Street, Blata L-Bajda
T: +356 2133 0886 | E: custserv@merlinlibrary.com
Merlin Library, Bisazza Street, Tas-Sliema
T: +356 2133 0886 | E: info@merlinlibrary.com

---

## THE BARGAIN BOX

Bħala ħanut tal-kotba, Bargain Box huwa parti mill-kumpanija aktar magħrufa Wise Owl. Għandna ssib varjetà wiesgħa ta' kotba: kotba dwar il-gwerra, kotba bil-Malti għaż-żgħar u l-kbar, kotba tar-riċetti u l-crafts, kif ukoll kotba minn awturi barranin ta' ċerta fama, bħal Lesley Pearse u James Patterson, fost oħrajn.

146, Triq il-Kbira San Ġużepp, Hamrun
T: 2122 5206 | E: bargainboxbookshop@gmail.com
Facebook: www.facebook.com/bargainboxmalta/?ref=br_rs

---

## BDL

Għal aktar minn 25 sena, BDL Distribution kien id-distributur ewlieni ta' pubblikazzjonijiet fil-ħwienet tal-kotba u ħwienet oħra f'Malta u Għawdex. BDL Publishing, it-tieni pilastru tal-kumpanija, jispeċjalizza f'kotba ta' kwalità li jvarjaw minn letteratura fittizja għat-tfal għal kotba prestiġjużi tal-Melitensia. It-tielet pilastru tal-kumpanija huwa BDL Retail. Il-ħanut ġo San Ġwann jinkludi ġabra estensiva tal-aqwa kotba fejn wieħed jista' jfittex u jixtri direttament minn għażla ta' 'l fuq minn 20,000 titlu/pubblikazzjoni.

13, Giorgio Preca Street, San Ġwann - SĠN3511
T: +356 2138 0351 | E: info@bdlbooks.com | Facebook: BDL Books, Malta
www.bdlbooks.com

## BIRDLIFE MALTA

BirdLife Malta hija organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem għall-konservazzjoni tal-għasafar u l-ħabitats tagħhom fil-Gżejjer Maltin. Imwaqqfa fl-1962, BirdLife Malta hi l-eqdem u l-akbar NGO ambjentali f'Malta. Bħala għaqda msieħba fil-familja tal-BirdLife International, aħna niffurmaw parti minn netwerk ta' 120 NGO mifruxa madwar id-dinja; u li b'vuċi waħda jsemmgħu leħinhom favur in-natura lokali u internazzjonali. L-għan prinċipali tagħna li naħdmu għall-konservazzjoni tal-għasafar u l-ħabitats nilħquh bis-saħħa tax-xogħol li nwettqu f'varjetà ta' oqsma – fil-qasam tal-konservazzjoni, tar-riċerka, tat-tmexxija ta' riservi naturali, tal-edukazzjoni u bid-diversi kampanji li nagħmlu. Kulma jmur, BirdLife Malta qed tagħmel ukoll isem fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet dwar in-natura u l-edukazzjoni ambjentali u tistinka biex tipproduċi pubblikazzjonijiet ta' livell għoli għall-membri tagħha u għal dawk li jappoġġjawha, imma wkoll biex jitgawdew minn dawk li jħobbu l-ambjent u mill-pubbliku inġenerali. Dawn jinkludu pubblikazzjonijiet xjentifiċi, studji ornitoloġiċi u rivisti, kif ukoll kotba informattivi dwar l-għasafar u n-natura tal-Gżejjer Maltin.

57/28 Marina Court, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, XBX 1120, Malta
T: +356 2134 7645/6 | E: info@birdlifemalta.org | Facebook: birdlifemalta
www.birdlifemalta.org

## BOOKENDS

Bookends huwa ħanut ġewwa l-Fgura li joffri kotba ġodda, bi prezzijiet ferm iktar baxxi mill-prezzijiet oriġinali tagħhom. Għandna ssib għażla kbira ta' kotba fuq suġġetti differenti. Fis-suq lokali, Bookends kiseb reputazzjoni qawwija, kemm għall-kwalità tal-kotba, kif ukoll għall-prezzijiet irħas ħafna.

T: +356 2180 2272 | E: bookendsf@millermalta.com
F: www.facebook.com/Bookends-Bookstore-42724330775/

## BOOKMARK

L-għan ta' Bookmark hu li jrawwem u jsostni interess u mħabba lejn il-qari minn età żgħira. Għand Bookmark wieħed isib għażla ta' kotba li jinkludu rebbieħa ta' premjijiet letterarji, kotba b'lingwi barranin, riżorsi għall-għalliema, inklużi kotba għal etajiet bikrija. Bookmark jemmen fl-importanza tal-edukazzjoni tul il-ħajja kollha u jemmen li l-qari huwa attività li toffri esperjenzi li jkattru t-tagħlim.

30, St John the Baptist Street, Sliema
T: +356 2133 2271 / +356 7925 1787
E: bookmark@go.net.mt / mrpsaila@go.net.mt





## ĊAK

Iċ-ĊAK (Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni), fi ħdan il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, twaqqaf fl-1998 bl-iskop li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-animazzjoni reliġjuża permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Beda jippubblika diversi fuljetti, rivisti u kotba ta' natura reliġjuża u fl-2005 inkorpora miegħu d-Dar Editriċi Reliġjon u Ħajja li kienet twaqqfet fl-1967 minn Patri Alessandru Bonnici. Id-Dar Editriċi kompliet bil-ħidma fil-qasam tal-kotba reliġjużi u f'dan l-aħħar żmien saret il-pubblikatur uffiċjali tad-dokumenti l-aktar importanti tal-Knisja u tal-Papiet; dan bi ftehim mal-Konferenza Episkopali Maltija u mal-Libreria Editrice Vaticana. S'issa, iċ-ĊAK ippubblika aktar minn 280 ktieb.

S. Sommier Street, Birkirkara BKR4611
T: +356 2149 8343
www.cakmalta.org

## DEER PUBLICATIONS

'Kif iċ-ċerv jilheġ għall-ilmijiet tax-xmajjar, hekk ruħi tilheġ għalik O Alla tiegħi' (Salm 42). Din id-dar ta' pubblikazzjoni tispeċjalizza f'kotba għat-tfal u għall-kbar b'temi reliġjużi u tradizzjonali. Il-pubblikazzjoni ewlenija tagħha hija 'ILWIEN IL-FESTI MALTIN', enċiklopedija fotografika tal-festi tradizzjonali Maltin. It-taqsima tat-tfal ta' DEER tiffoka fuq il-ħajja ta' qaddisin b'illustrazzjonijiet ikkuluriti u vivaċi ta' Nicole Diacono. Andrew Borg hu l-awtur tal-biċċa l-kbira tal-kotba. Il-materjal fotografiku kollu użat huwa ta' Mark Micallef Perconte.

Cervus, 72A, Triq Doni, ir-Rabat, Malta
T: +356 9938 5496 / +356 7905 8691 | E: deerandrew@gmail.com
F: Ilwien Il-Festi Maltin

## EDE BOOKS

Ede Books hija dar tal-pubblikazzjoni Maltija li toffri servizz komplut fejn tidħol produzzjoni ta' print runs żgħar jew medji, konsultazzjoni, editjar, disinn, stampar, distribuzzjoni u promozzjoni, kif ukoll toffri l-pubblikazzjonijiet Ede għall-bejgħ fis-suq internazzjonali mis-sit uffiċjali edebooks.eu. Ede jispeċjalizzaw fil-pubblikazzjoni ta' kotba tal-arti – kotba fil-biċċa l-kbira viżivi, rikki fil-kontenut u li jiffukaw fuq arkitettura, fotografija, disinn u kultura urbana.

3a, Panorama Flats, Mattew Pulis Street, SLM 3051 Sliema, Malta
T: +356 2133 4224 / +356 7982 7522 | E: info@edebooks.eu
www.edebooks.eu

## FARAXA PUBLISHING

Faraxa, imnedija fl-2011, hija dar tal-pubblikazzjoni li tipproduċi pubblikazzjonijiet għalkollox professjonali fuq ġeneri ta' kitba mill-aktar varjati. It-tim ta' Faraxa, immexxi minn Joanne Micallef, jispira ruħu mill-kreattività ta' xibka globali ta' awturi magħżulin bir-reqqa, mill-passjoni tagħhom għall-kotba u d-determinazzjoni biex tintlaħaq kwalità għolja f'dan il-qasam.

38, Antonio Nani Street, Rabat RBT 3047
T: +356 9982 0157 | E: info@faraxapublishing.com
Facebook: Faraxa Publishing | Twitter: @jotammir
Pinterest: pinterest.com/faraxapub
www.faraxapublishing.com

## GERMAN-MALTESE CIRCLE / DIPARTIMENT TAL-ĠERMANIŻ - UNIVERSITÀ TA' MALTA

Il-German-Maltese Circle - imwaqqaf mill-1962 - huwa impenjat li jressaq iż-żewġ pajjizi aktar qrib permezz ta' attivitajiet kulturali u edukattivi. Id-Dipartiment tal-Ġermaniż fl-Università ta' Malta joffri korsijiet bħall-B.A. fil-Ġermaniż, Ċertifikat/ Diploma ta' Profiċjenza fil-Lingwa għal studenti u impjegati tal-Università u kors ta' filgħaxija part-time - Diploma fil-Ġermaniż - li jirrifletti l-importanza tal-Ġermaniż fl-ekonomija Maltija u fuq il-post tax-xogħol.

141, Messina Palace, Valletta, Malta
T: +356 2124 6967
www.germanmaltesecircle.org

## GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ

L-Għaqda tal-Malti – Università twaqqfet minn żewġ studenti tal-Mediċina, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, fis-26 ta' Jannar 1931. Fl-istess sena bdew joħorġu *Leħen il-Malti*, rivista li għadha toħroġ sal-lum, u titnieda kull sena fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Matul is-snin, l-Għaqda tmexxiet minn xi personaġġi prominenti fil-Malti bħall-Professuri Pietru Pawl Saydon, Ġużè Aquilina, Dun Karm Sant u Oliver Friggieri. F'dawn l-aħħar snin l-Għaqda fittxet li tinvesti aktar fi proġetti edukattivi u interdixxiplinarji, speċjalment għaż-żgħażagħ.

Dar l-Istudent, L-Università ta' Malta, Tal-Qroqq
T: +356 7922 1197 | E: ghaqdatalmalti@gmail.com
Facebook: ghaqdamalti | Twitter: ghaqdamaltiuni | Instagram: ghaqdamalti
www.ghaqdatalmalti.org





## HERITAGE MALTA PUBLISHING

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali għall-mużewijiet, il-konservazzjoni u l-patrimonju kulturali. Hija attiva ferm fil-kamp tal-pubblikazzjoni bħala parti mill-isforzi tagħha b'risq id-demokratizzazzjoni tal-patrimonju. Il-firxa ta' xogħlijiet ippubblikati tinkludi katalgi tal-wirjiet, ġabriet ta' studji, kotba għat-tfal, kotba marbuta ma' proġetti ta' konservazzjoni u riġenerazzjoni, u studji aktar iffukati. Fil-ħarifa tal-2015, Heritage Malta nediet ukoll perjodiku li joħroġ darbtejn fis-sena.

Ex-Royal Naval Hospital, Triq il-Marina, Bighi, Kalkara KKR 1524, MALTA
E: publications.heritagemalta@gov.mt
www.heritagemalta.org

## HORIZONS

Horizons hi waħda mid-djar tal-kotba ewlenin f'Malta u matul is-snin rebħet għadd ta' Premji tal-Ktieb tal-Malti f'diversi kategoriji tal-kotba. Ippubblikat numru ta' awturi stabbiliti bħal Mario Azzopardi, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Victor Fenech, Charles Flores, Anton Grasso, Albert Marshall, Ġorġ Peresso, Giuseppe Schembri Bonaci u Vincent Vella, kif ukoll introduċiet numru ta' awturi żgħażagħ u promittenti bħal Eman Bonnici, Edgar Formosa, Jacqueline Mizzi, Sergio Grech, Tyrone Grima, Stephen Lughermo, Justin Schembri u Andre Mangion.

Triq l-Iskultur, Qormi QRM 3580
T: +356 2144 1604 | E: info@horizons.com.mt | F: Horizons Malta
www.horizons.com.mt

## ĦBIEB TAL-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

L-għan tal-organizzazzjoni tagħna hu li nqajmu kuxjenza pubblika dwar ix-xogħol li jsir fl-Arkivji Nazzjonali u l-importanza li jiġi ppreżervat materjal ta' valur storiku.

L-Arkixji Nazzjonali, Triq l-Isptar, ir-Rabat, RBT1043, Malta
T: +356 2145 9863 | E: fnamalta@gmail.com | F: +356 2145 0078

## ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA

L-Istituto Italiano di Cultura, li hu anki s-sezzjoni kulturali tal-Ambaxxata tal-Italja f'Malta, twaqqaf fl-1971. L-Istitut huwa simbolu tal-kultura Taljana f'Malta. L-għanijiet prinċipali istituzzjonali huma t-tixrid tal-arti u l-kultura Taljana u t-tisħiħ tar-rabta bejn iż-żewġ popli. Dawn jitwettqu permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, tal-kooperazzjoni fil-qasam edukattiv u tal-amministrazzjoni ta' librerija fejn il-membri jistgħu jissellfu l-kotba. L-Istitut jistabbilixxi wkoll kuntatti bejn l-Università u ċentri ta' riċerka u studju f'Malta ma' universitajiet,

organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet statali Taljani. L-attivitajiet, li jinkludu taħditiet, films, wirjiet tal-arti, kunċerti, teatru eċċ, huma miftuħa għal dawk kollha interessati fil-*ħajja u fil-kultura Taljana.*

Vecchia Cancelleria, St. George's Square, Valletta VLT 1190
T: +356 21221462 | E: iiclavalletta@esteri.it | F: Istitutoitalianodicultura.valletta
**www.iicvalletta.esteri.it**

---

## KITE GROUP

Il-Kite Group huwa kumpanija dinamika u kreattiva li tispeċjalizza fil-pubblikazzjoni ta' kotba tal-ogħla kwalità. Il-kumpanija tista' titqies bħala t-tieni dar għall-professjonisti, għax tlaqqa' flimkien damma ta' ħiliet uniċi għall-*marketing* u strateġiji ta' komunikazzjoni, u biex torganizza tnedijiet u sessjonijiet uniċi ta' ffirmar ta' kotba. Kite Group sar sinonimu ma' kontenut ta' kwalità għolja bi preżentazzjoni eċċellenti, fosthom b'bijografiji, kotba dwar l-arti u l-kultura, arkitettura, storja, kotba akkademiċi, rumanzi u kotba għat-tfal.

296, Triq in-Naxxar, B'Kara
T: +356 9993 2592 | E: info@kitegroup.com.mt | F: Kite Group
**www.kitegroup.com.mt**

---

## IL-KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħin lill-awturi jippubblikaw xogħolhom permezz tal-inizjattiva *Ħannieqa Kotba Melleħin* bl-għan li jippromwovi l-qari man-nies tal-lokal.

Triq il-Madonna ta' Fatima, Il-Mellieħa
T: +356 2152 1333 | E: customercare.mellieha.lc@gov.mt
**www.mellieha.gov.mt**

---

## LIBRERIJA PRECA

Imwaqqfa fl-1975, Librerija Preca żviluppat f'bejjiegħ tal-kotba prim, imsemmi wara l-fundatur tiegħu. Il-ħanut jispeċjalizza fil-bejgħ ta' kotba reliġjużi u riżorsi oħra multimedia minn djar ta' pubblikazzjoni ewlenin fl-Ewropa, l-Ażja u l-Amerka ta' Fuq. F'Novembru tal-1997 il-ħanut mexa lejn binja akbar f'Central House fi Blata l-Bajda, b'aċċess aqwa għall-pubbliku ġenerali.

Librerija Preca, 205, Triq S. Ġorġ Preca, Marsa MRS 9010
T: +356 2122 2626 | E: precalibrary@sdcmuseum.org \ precabookshop@gmail.com





## LIBRERIJA TAL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA

Il-Librerija tal-Bank Ċentrali ta' Malta fiha informazzjoni f'għamla stampata u elettronika fil-qasam tax-xjenza soċjali. B'mod partikolari, tispeċjalizza f'attività bankarja, il-finanzi u l-ekonomija, u toffri lill-qarrejja kotba, ġurnali, materjal ta' referenza, pubblikazzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, CD-ROM databases, il-gazzetti lokali kollha, xi gazzetti onlajn u kollezzjoni żgħira ta' fajls fejn jinżammu artikli mqasqsin mill-gazzetti. F'dawn l-aħħar snin, il-Librerija żiedet ir-riżorsi elettroniċi tagħha u għandha katalgu elettroniku tal-kollezzjoni tagħha, kif ukoll aċċess għal rivisti elettroniċi. Il-Librerija dejjem tirsisti biex ittejjeb l-aċċessibbiltà elettronika ħalli tintroduċi ambjent żviluppat ta' maniġjar tal-għarfien u l-informatika. F'dawn l-aħħar snin, il-Librerija investiet ħafna fir-riżorsi elettroniċi tagħha. Ir-riżorsi elettroniċi jinsabu kollha f'post wieħed permezz tal-EBSCO Discovery Service. Il-pjattaforma elettronika ġdida tal-librerija tinkludi l-katalgu tal-librerija, database elettroniku tal-ġurnali u kollezzjoni ta' kotba elettroniċi.

T: +356 2550 4507 | F: +356 2550 2500 | E: info@centralbankmalta.org

---

## MALTA LIBRARIES

Libreriji Maltin hija l-entità responsabbli għall-Bibljoteka Nazzjonali (Malta), il-Librerija Nazzjonali (Għawdex), il-Librerija Pubblika Ċentrali (Malta), il-Librerija Pubblika Ċentrali (Għawdex), il-Libreriji Pubbliċi Reġjonali u Lokali f'Malta u Għawdex u l-Uffiċċju Bibljografiku Nazzjonali. Il-missjoni ta' Libreriji Maltin hija li tiżgura l-kompilazzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt dokumentarju ta' Malta għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, li żżomm u tiżviluppa l-libreriji regolati taħt l-Att dwar il-Libreriji Maltin u li tinkoraġġixxi l-qari għall-istudju, ir-riċerka, l-informazzjoni għall-iżvilupp personali u t-tagħlim tul il-ħajja kollha u għal finijiet ta' rikreazzjoni.

Malta Libraries Head Office, Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta,
36, Old Treasury Street, Valletta VLT 1410
T: +356 2598 3550 | E: customercare.nlm@gov.mt / customercare.cpl@gov.mt
Facebook / Instagram / Twitter: @MaltaLibraries
**www.maltalbraries.gov.mt**

---

## MELI BOOKSHOP

Il-ħwienet tagħna ta' Meli Bookshop jinsabu t-tnejn fil-Belt Valletta. L-ewwel ħanut infetaħ fl-1965, u wara xi żmien infetaħ ieħor. Wieħed jinsab f'numru 52, Triq Santa Luċija, fejn nispeċjalizzaw f'kotba Melitensia u rumanzi riċenti bil-Malti u bl-Ingliż. Insibu wkoll kotba għat-tfal, tat-tisjir, kif ukoll kotba ġenerali fuq kull suġġett. Il-ħanut l-ieħor jinsab fi Triq l-Ifran, numru 185. F'dan il-ħanut nispeċjalizzaw f'letteratura klassika bi prezzijiet speċjali, kif ukoll rumanzi bl-Ingliż, kotba ta' fantaxjenza, fantasija, tal-biża', delitti u ħafna aktar. Bħal fl-istabbiliment l-ieħor, issib ukoll kotba tat-tisjir u

kotba ġenerali oħra. L-iktar li nispeċjalizzaw, f'dan il-ħanut, huma kotba fuq kull pajjiż għal min iħobb is-safar. Għall-Festival Nazzjonali Tal-Ktieb ta' din is-sena ħa jkollna kampjuni ta' kotba bl-Ingliż dwar x'tistgħu ssibu fil-ħwienet tagħna.

52, Triq Santa Luċija, Valletta / 185, Triq l-Ifran, Valletta
T: +356 2123 7266 / +356 9980 3601 | E: transit@onvol.net
Facebook: www.facebook.com/Meli-Book-Shop-1502284266653728/

## MERLIN LIBRARY

Merlin Library ilu jissupplixxi kotba lill-iskejjel Primarji, Sekondarji u Postsekondarji mill-1978. Wieħed mill-ħwienet li għandna u li jinsab Blata l-Bajda huwa l-uniku ħanut ġo Malta li jġib il-kotba tal-iskola tul is-sena kollha. Issibilna wkoll għażla wiesgħa ta' materjal għar-reviżjoni għal ħafna mis-suġġetti. Nispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal u kontinwament inġibu eluf ta' kotba għal tfal ta' bejn it-3 xhur sa adolexxenti. Għandna selezzjoni kbira ta' *fiction* u *non-fiction* u oħrajn ta' interess ġenerali għall-adulti. Spiss ikollna wkoll offerti speċjali għal tfal li huma membri fil-Wizzies Club. Merlin Library kien l-ewwel li introduċa lill-awturi tal-kotba tat–tfal ġewwa Malta fejn dawn daru l-iskejjel jitkellmu mat-tfal u jissapportjaw lill-iskejjel fuq kemm huwa importanti l-qari għall-istudenti. Fl-2003, Lynne Reid Banks kienet l-ewwel awtriċi li ġiet Malta u wara din kien hemm ħafna oħrajn.

Mountbatten Street, Blata l-Bajda / Bisazza Street, Sliema
T: +356 2123 4438 | E: mail@merlinlibrary.com | F: merlinlibrary
www.merlinlibrary.com

## MERLIN PUBLISHERS

Il-Merlin, mill-bidu tagħha fl-1964 sal-lum, żviluppat fl-aktar dar ta' pubblikazzjoni Maltija innovattiva u avventuruża. Il-Merlin għandha lista estensiva ta' letteratura Maltija, u saret l-ewwel dar għall-parti l-kbira tal-awturi stabbiliti Maltin, kif ukoll dejjem tilqa' u tagħti l-opportunità lil awturi emerġenti. Il-Merlin Publishers rebħet il-Premju tal-Aqwa Dar ta' Pubblikazzjoni bosta drabi u dejjem kienet minn tal-ewwel bl-introduzzjoni u esperimentazzjoni ta' stili ġodda ta' produzzjoni, disinn u marketing. Kotba Merlin ġew esibiti fil-Fieri tal-Ktieb ta' Frankfurt, Londra u Bologna.

42, Mountbatten Street, Blata l-Bajda HMR1574 MALTA
T: +356 2124 6472 | E: info@merlinpublishers.com
Facebook: https://www.facebook.com/merlinpublishers
Twitter: https://twitter.com/merlinkotba
Instagram: https://www.instagram.com/merlinkotba/
www.merlinpublishers.com





## MGRM

L-MGRM twaqqfet fl-2001 minn grupp żgħir ta' voluntiera li kienu determinati li jġibu l-bidla. Kienu kommessi li jwaqqfu *helpline* u jqajmu kuxjenza biex jikkumbattu l-istigma li jiltaqgħu magħha nies LGBTIQ. Dan kollu sar mingħajr binja fiżika, fondi u kompetenza. 14-il sena wara, l-MGRM stabbilixxiet ruħha bħala organizzazzjoni rreġistrata bi statut, missjoni ċara, valuri u għanijiet. Hija membru attiv f'għadd ta' netwerks Ewropej, bħall-ILGA-Europe, Transgender Europe u IGLYO. L-MGRM tħabrek biex tinkiseb ugwaljanza sħiħa għan-nies LGBTIQ fis-soċjetà Maltija; soċjetà li tħalli lil kulħadd jgħix b'mod sħiħ u fil-beraħ mingħajr il-biża' ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru jew karatteristiċi sesswali.

32, Parish Street, Mosta , MST 2021, Malta, Ewropa
T: +356 2143 0009 | M: +356 9925 5559 | E: mgrm@maltagayrights.org

## MIDSEA BOOKS LTD | KLABB KOTBA MALTIN

Midsea Books Ltd huma meqjusa fost il-pubblikaturi ewlenin f'Malta. Id-dar tal-pubblikazzjoni twaqqfet minn Pawlu Mizzi. Minbarra Midsea Books, hemm ukoll il-Klabb Kotba Maltin, Klabb Kotba Maltin | tfal u Heritage Books li kollha jippubblikaw ġeneri differenti ta' kotba. Matul dawn l-aħħar 45 sena, il-Midsea Books u l-kumpaniji l-oħra saru sinonimi ma' kotba ta' kwalità bil-Malti jew dwar Malta. Bosta mill-kotba ppubblikati huma rebbieħa ta' premjijiet jew ġew imsemmija fi premjijiet letterarji, kemm Malta, kif ukoll barra.

68 Carmelites Street, Sta Venera / 6 Strait Street, Valletta
T: +356 2149 7046 / +356 2123 9039 | E: admin@midseabooks.com
Facebook: https://www.facebook.com/Klabb-Kotba-Maltin-135066206577251/
www.midseabooks.com

## MILAN HALUSKA

Milan Haluska qed tirrappreżenta żewġ djar tal-pubblikazzjoni mir-Repubblika Ċeka li jispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal minn 3 sa 12-il sena bl-Ingliż. Dawn huma Meander u Albatros Media. Minkejja dan Haluska temmen li anki ta' 99 sena jista' jkun li tkun għadek tifel. Il-letteratura Ċeka għat-tfal għandha storja importanti, reputazzjoni u għadha toffri potenzjal għad-distributuri u l-qarrejja. Dan tagħmlu b'kontenut rilevanti, illustrazzjonijiet li jolqtu l-għajn u disinn grafiku ta' kwalità.

Milan Haluska, Suite 101, Tower A1, Arkate St., Paola PLA 1210
T: +356 99346247 | E: Milan5652@seznam.cz

## MILLER DISTRIBUTORS LTD

Miller Distributors Ltd – Miller Distributors huwa l-importatur u d-distributur ewlieni ta' kotba ġewwa Malta u Għawdex. Nirrappreżentaw numru kbir ta' pubblikaturi barranin kif ukoll pubblikaturi lokali, f'kull qasam ta' pubblikazjoni, minn kotba għat-tfal għal kotba tal-Università. Nipprovdu kotba għal ħwienet lokali ta' firxa wiesgħa u noffru servizz u appoġġ b'saħħtu lil dawn il-ħwienet.

T: +356 21 66 4488 | E: info@millermalta.com
www.millermalta.com

## MIRANDA PUBLISHERS

Miranda Publishers huma fuq quddiem fil-pubblikazzjonijiet ta' kotba Maltin ta' daqs kbir u bir-ritratti, dwar il-wirt kulturali u storiku tal-pajjiż. Minbarra li nippreżentaw studju fotografiku wiesa', kull ktieb fih informazzjoni mfittxija u miktuba minn uħud mill-aqwa storiċi u riċerkaturi prestiġjużi f'Malta. Dawn il-kotba jidħlu fid-dettall f'temi li jvarjaw mit-tempji ta' Żmien il-Ħaġar, palazzi u katidrali sal-mogħdija Maltija li twassal mill-istorja sal-ikel. Minħabba l-kwalità tar-ritratti, l-ippakkettjar lussuż u l-attenzjoni għall-iċken dettall, il-kotba ppubblikati minn Miranda sabu ruħhom fuq l-ixkafef ta' eżekuttivi tan-negozju, presidenti ta' korporazzjonijiet, senaturi, politiċi u dinjitarji mid-dinja kollha.

139/3 Triq it-Torri, Tas-Sliema, SLM 1604, Malta
T: +356 2134 3772/3 | M: +356 9947 3123 / +356 9947 3164
E: info@mirandabooks.com

## SKS PUBLISHERS

SKS Publishers twaqqfet fl-1982 bl-għan li teduka għall-bidla. Kienet x'kienet is-sura tal-kotba tagħha, matul is-snin dejjem rat kif tħajjar il-qlub tal-qarrejja tagħha biex iħaddnu ideat ġodda, kif teduka lil moħħhom fit-trawwim ta' attitudnijiet li jħarsu 'l quddiem, u kif tkabbar viżjonijiet li jheġġu l-bidla fis-soċjetà. SKS hija speċjalizzata f'għamliet ta' kitbiet li, għalkemm ftit, ifissru ħafna, bħal-letteratura, it-teorija politika, l-istorja tad-demokrazija liberali, ħwejjeġ kurrenti, bijografiji, u l-kultura.

Ċentru Nazzjonali Laburista, Ħamrun
T: +356 2124 9900 | E: skspublishers@gmail.com





## WAREHOUSE BOOKSALES

Stabbilit fis-Snin Sebgħin, Warehouse Booksales jinsab ġewwa l-Fgura fi Vjal Kottoner. Nispeċjalizzaw f'kotba antiki, komiks, u ħafna ġeneri oħrajn. Kotba ta' kull tip - fantasija, rumanzi, bijografiji, kotba tat-tfal, letteratura, tisjir, komiks u kotba antiki - issibhom għand WAREHOUSE BOOKSALES tal-Fgura.

155, Cottonera Avenue, Il-Fgura, Malta
T: +356 7969 1235
Facebook: www.facebook.com/Warehouse-Booksales-422316977855827/

## WISE OWL PUBLICATIONS

Aħna dar tal-pubblikazzjoni indipendenti li rbaħna bosta premjijiet, u li dis-sena qed niċċelebraw l-20 sena tagħna. Minkejja dan, il-familja li waqqfet il-Wise Owl ilha fl-industrija tal-ippubblikar mill-1934. Wise Owl għandha diversi pubblikazzjonijiet li rċevew tifħir tul iż-żmien, b'repertorju ta' aktar minn 400 ktieb dwar suġġetti varji. Dawn jinkludu kollezzjoni kbira ta' kotba bil-kulur għal tfal ta' kull età; kotba dwar l-Istorja Maltija, il-kultura u l-folklor, l-Istorja Naturali, rumanzi, dwar is-saħħa, kotba tar-riċetti u kotba ta' ħidma. Internazzjonalment ifaħħruna għall-kotba dwar l-Istorja Militari Maltija. Malta at War fil-fatt huwa r-referenza enċiklopedika ewlenija dwar das-suġġett.

59, Levels 0 – 4, Main Street, Rabat RBT 1012, Malta
T: +356 21453303
E: wiseowl@maltanet.net
www.wiseowlmalta.com

# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2018

## SIGĦAT TA' FTUĦ

L-ERBGĦA 09:00 – 13:00 U 17:30 – 21:30
IL-ĦAMIS 09:00 – 13:00 U 17:30 – 21:30
IL-ĠIMGĦA 09:00 – 13:00 U 17:30 – 22:00
IS-SIBT 09:30 – 22:30
IL-ĦADD 08:30 – 21:30

WWW.KTIEB.ORG.MT

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Malta Book Festival 2018

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT